Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 186 / 2019

Il-Pulizja

Spettur Trevor Micallef

Vs

Dennis Zammit

Illum 3 ta Dicembru 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, Dennis Zammit, detenur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 235174 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' dawn il-Gzejjer bejn it-12 ta' Gunju, 2019 u l-gimghat / xhur ta' qabel naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), li biha inghata l-helsien mill-arrest.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imputat u kif ukoll tarresta lill-imputat mill-gdid u s-somma msemmija fl-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-13 ta' Gunju, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 579 tal-Kodici Kriminali iddikjarat lill-imputat Dennis Zammit hati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal multa ta' mitejn ewro.

In oltre ai termini tal-Artikolu 579 (1) u (3) tal-Kodici Kriminali il-Qorti ordnat il-konfiska, favur il-Gvern ta' malta, tas-somma stabbilita fil-helsien mill-arrest that

garanzija ai termini tad-digriet ta' din il-Qorti, kif diversament presjeduta mill-Mag. Grazio Mercieca, tat-23 ta' Marzu, 2018, ossia s-somma ta' hamest elef ewro in kwantu depositu u s-somma ta' ghaxart elef ewro in kwantu garanzija personali, b' kollox ghalhekk is-somma ta' hmistax il-elf ewro. Il-Qorti ordnat wkoll ir-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid tal-hati Dennis Zammit.

Finalment il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija u lir-Registratur tal-Qrati Kriminali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-13 ta' Gunju, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 579 tal-Kodici Kriminali iddikjarat lill-imputat Dennis Zammit hati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal multa ta' mitejn ewro.

In oltre ai termini tal-Artikolu 579 (1) u (3) tal-Kodici Kriminali il-Qorti ordnat il-konfiska, favur il-Gvern ta' malta, tas-somma stabbilita fil-helsien mill-arrest that garanzija ai termini tad-digriet ta' din il-Qorti, kif diversament presjeduta mill-Mag. Grazio Mercieca, tat-23 ta' Marzu, 2018, ossia s-somma ta' hamest elef ewro in kwantu depositu u s-somma ta' ghaxart elef ewro in kwantu garanzija personali, b' kollox ghalhekk is-somma ta' hmistax il-elf ewro. Il-Qorti ordnat wkoll ir-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid tal-hati Dennis Zammit.

Finalment il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija u lir-Registratur tal-Qrati Kriminali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellat Dennis Zammit, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-10 ta' Lulju, 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja dik l-parti tas-sentenza billi tirrevokaha fejn giet konfiskata s-somma tad-depozitu tal-plegg maghmul mill-esponent u dana fis-sens li l-istess somma tigi liberata favur tal-esponent u dana taht kull provvediment li toghgobha timponi.

Rat illi l-aggravju soffert mill-esponent jikkonsisti filli l-pregudizzju qed jigi soffert unikament minnhu. Din l-informazzjoni kienet kollha a konjizzjoni tal-Prosekuzzjoni multo magis meta l-ghada ta' dik il-gurnata specifika l-istess akkuzat kellhu seduta tal-kawza tieghu u r-rikors tal-esponent biex jirtira r-rikors tal-plegg kien appuntat fl-istess seduta.

Illi l-inqas li setghet ghamel l-prosekuzzjoni kien illi tressaq lill-istess akkuzat dakinhar tas-seduta ossia l-ghada tal-gurnata fatalistika sabiex ir-rikors tal-esponent jigi trattat fl-istess seduta.

Illi dik is-sentenza kif deciza u kif trattat l-istess kawza minghajr ma l-esponent gie involut tmur kontra id-drittijiet ta' smiegh xieraq a favur tal-esponent. Ghalhekk l-esponent qed jipprezenta dan ir-rikora sabiex jigi mismuh, trattat u deciz minn dina l-Onorabbli Qorti fl-atti tal-istess appell tal-akkuzat.

Semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell u dan fis-seduta tal-24 ta Ottubru 2019.

Ikkunsidrat.

Il-Qorti esaminat l-atti kollha tal-process u ezaminat ix-xhieda li xehdu quddiem l-ewwel Qorti.

Rat ix-xhieda mghotija mll-**ispettur Trevor Micallef** nhar it-13 ta Gunju 2019 u stqarr li oht l-appellant, Charmaine Zammit kienet qed tmur l-ghassa tal-pulizija taz-Zurrieq tirraporta li fil-fatt l-appellant li kellu kundizzjoni meta inghata il-liberta provisorja li jinkaza ruhu ma kienx qed izomm ma din il-kundizzjoni billl kien qed jibqa' barra wara il-hin permess lilu. Irrizultalu ukoll lil-appellant ma kienx qed jiffirma l-ghassa tal-pulizija kuljum kif kien obbligat ighamel. Ikkonferma fix-xhieda tieghu li l-ahhar darbali kien iffirma l-*bail book* gewwa l ghassa tal pulizija tal-Hamrun kien fit-13 ta' Mejju 2019. Huwa eebixxa kopja ta l-istatement rilaxxjat mill-appellant nhar it-12 ta' Gunju, 2019 li giet markata bhala dok TM1, kopja tal-kundizzjonijiet tal-bail li giet markata bhala dok TM2, *case summary* mahrug minn Mater Dei nhar il-21 ta' Mejju, 2019 li gie markat bhala dok TM3 *case summary* iehor datat 18 ta Frar 2019 markat bhala dok TM4, kopja tal-bail book li gie markat bhala dok TM5 fejn jidher li l-ahhar firm tal-

appllant hi rgistrata fit-13 ta Mejju 2019, u kopja tar renunzja ghall-assistenza legali markat bhala dok TM6.

Ikkonferma li bejn it-18 u 21 ta Frar 2019 u bejn il-21 u 23 ta Mejju 2019 l-appellant kien qieghed rekoverat l-Isptar Mater Dei. Ikkonferma li bejn it-13 ta Mejju 2019 u dakinhar li xehed nhar it-13 ta Gunju 2019 l-appellant ma marx jiffirma l-ghassa lanqas darba. Qal ukoll li ghal ahhar zewg sduti li kien hemm fissati quddiem il-Qorti ghas-smiegh tal-kwza tieghu dan ma marx u kien ghalhekk liinhariglu mandate ta skorta mill-Qorti . Stqarr ukoll I oht l-appellant infurmatu li l-appellant lanqas ma kien qed izomm mal-hinijiet ta rinkazar pero dwar dan stqarr li ikun ahjar jekk tixhed ohtu stess cioe Charmaine Zammit.

**Charmaine Zammit**, residenti Block B Flat 4 il-Marsa xehdet nhar it-13 ta' Gunju, 2019 u kkonfermat li tigi hu l-appellant u mistoqsija jekk tridx tixhed fil- konfront ta' huha l-appellant wiegbet fl-affermattiv. Ikkonfermat li f'April 2019 kient marret l-ghassa tal-pulizja taz- Zejtun tirraporta lil huha li kien qed jghamel affarijiet illegali . Hija stqarret li huha jghix ma ommha, maghha u binha fid-dar il- Marsa. Spjegat li kien binha ta' hdax-il sena li sab l-oggetti murija fir-ritratti esbeiti fl-atti u markati bhala dok CZ1 sa CZ8 fil-karma ta fejn jorqod l-appellant u kien baghthom lilha bil-messenger. Ikkonferma li f'Mejju kieu cemplulha mill-ghassa tal- pulizija tal- Hamrun u qalulha li huha ma kienx qed imur jiffirma l-ghassa. Mistoqsija x'kienet ir- raguni tghid li ma tafx. Qalet ukoll li huha ghandu kundizzjoni lighandu jinkaza ruhu id-dar sat-8.00 u ta' spiss ma kienx ikun hemm sa dak il-hin. Qalet li l-pulizija kienu imorru ghalih u ma kienux isibuh id-dar.

In kontro esami mistoqsija min iktar jghix id-dar maghhom tghid li hutha. Mistoqsija ghalhekk kif taf li l-affarijiet murija fir-ritratti jappartjenu lill-appellant tghid li dan tafu ghaliex gili ikkometta dawk ir reati konnessi ma drogi quddiemha Qalet li gili marret l-ghassa tirrapora pero kienu ighidulha biex tirraporta lill-ispettur Trevor Micallef.

L-appellant Dennis Zammit xehed nhar it-13 ta Gunju 2019 u jghid li huw aminnu li ma marx jiffirma f'xi ghoxrin jum izda dan sehh ghaliex kien l isptar. Qal li l-Professur kien qallu bie xiserrah rasu u jekk irid kien imur ghandu u jghamillu certifikat 'open' sakemm jigi sewwa. Mistoqsi ghaliex ma hax dan ic-certifikat l-ghassa jghid li huwa spicca l-habs ghaliex ma keinx hallas multa li kellu. Qal li huwa ma marx jiffirma meta

kien id-dar minhabba l-ugiegh ta' ras u kien hemm granet meta ma marx jiffirma jew ghax kien ma jiflahx jew ghaliex ikun nesa.

Qal li ohtu Charmaine mhux vera tghix il-Marsa maghhom izda tghix mal-partner taghha Hal Luqa. Qal li peri vera li binha jghix maghhom. Qal li tmur id-dar darba kul tant. Id-dar mieghu jghixu zewg hutu ohra u gieli jiehdu l-hbieb id-dar ukoll. Ikkonferma pero' li l-oggeti murija fir-ritratti mhumiex tieghu.

Mistoqsi jekk jahdimx stqarr li jahdem jiehu hsieb iz-zwiemel tan-nies ghax iqabduh. Jghid li huwa ma kienx mar jiffirma ghaliex kien ikun stordut id-dar. Mistoqsi jekk kienx icempel l-ghassa jghid li peress li kien ikun stordut ma kienx jiflah jitkellem.

Semghet lill-partijiet jittrattaw ir-rikors u dan fis-seduta tal-24 ta Ottubru 2019.

Ikkunsidrat.

Illi bhala provi jirrizulta is-segwenti:-

1. Illi nhar it-23 ta Marzu 2018 l-appellant kien ingahta l-liberta provisorja mill-Qorti tal-Magistrati kif jirrizulta mid-dokument esebiet fl-atti a fol. 6 markat bhala dok TM2 fejn fost il-kundizzjonijiet impost kl-appellant kellu jirtira gewwa daru fit-8.30 p.m u jiffirma l-ghassa tal pulizija tal Hamrun kuljum bejn it-8.00a.m u it-8.00pm u jekk ma ikunx jista jirraporta kif inghad, ghandu jibghat certifikat mediku fi zmien sitt sieghat mill-hin li fih obbligat li jiffirma.
2. Illi skond il-bail book esebit a fol. 20 et seq jirrizult ali l-appellant iffirma il-kteib b'mod irregolari mit-31 ta' Dicembru 2018 sa t-13 ta Mejju 2019 u hemm hafna granet fejn ma iffirmax.
3. L-appellant jghid li dan kien isehh peress li kien ikun ma jiflahx jew ghaleix ikun nesa imur jiffirma
4. Illi jirrizulta mill-atti li huwa kien skuzat milli jiffirma fi tlett ijiem fi Frar mid-18 sal-21 ta' Frar, 2019 u jumejn ohra f' Mejju mill-21 sat-23 ta Mejju 2019 skond id-dokumenti esebiti u markati bhala dok TM3 u TM4 a fol. 13 et seq.
5. Illi jirrizulta ukoll li fil-granet l-ohra fejn l-appellant ma iffirmax il-bail book l-appellant naqas lijipprovdi certifiakt mediku sabeix jiggusitfika in-nuqqas ta attendenza tieghu.
6. Illi oht l-appellant xehdet ukoll li kien hemm jiem meta kien jinkaza ruhu izjed tard mill-hin li kien obbligat jidhol id-dar u li in effetti kien qed jikkommetti reati

waqt li huwa kien qed igawdi mill-beneficcju tal-helsien mill-arrest pero dwar dawn l-allegazzjonijiet dawn ma gewx provati bl-ahjar mod u ghalhekk din il-Qorti ser tiskarta dak li intqal minnha f'dan ir-rigward.

Ikkunsidrat,

Din il-Qorti taghmel refernza ghas-esntenza moghtija mill-Qorti kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Jesmond Borg) v. Kevin Gatt**[1] u a skans ta' ekwivoci, in fatti, qed tigi hawn riprodotta s-silta relevanti mill-imsemmija sentenza kostituzzjonali:

*"Is-subartikoli (2) sa (4) tal-Artikolu 579 – introdotti, kif inghad, permezz ta' l-Att XVI ta' l-2006 – biddlu ssitwazzjoni billi, oltre ghall-procedura stabbilita fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 579, introducew procedura gdida. Illum il-ksur ta' kundizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet li bih tkun tat il-helsien mill-arrest* ***jammonta wkoll ghal reat****. Bhal f'kull reat il-konsegwenza hija piena. Din il-piena tista' tkun jew dik biss indikata fis-subartikolu (2) – multa jew prigunerija, jew multa u prigunerija flimkien – jew tista' tinkludi wkoll it-telfien tal-helsien mill-arrest (* ***izda mhux il-konfiska tas-somma****) fil-proceduri li fihom il-hati jkun inghata l-helsien mill-arrest preventiv. Jinghad "tista'" ghax il-legislatur ta l -fakolta` lill-Pulizija li meta jressqu lill-imputat jew akkuzat – dan irid jitressaq dejjem taht arrest – talli kiser xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti mill-qorti, huma jistghu wkoll jitolbu "* ***fl-istess procedimenti****…ir-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid ta' dik il-persuna" (sottolinear ta' din il-Qorti).*

*U jaghmel hafna sens li jkun hemm dik il-fakolta` ghax filwaqt li kull ksur ta' kundizzjoni tal-qorti, zghir kemm ikun zghir dak il-ksur, jammonta wkoll ghal reat, ghar-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid tal-persuna in kwistjoni jibqa' dejjem applikabbli l-proviso tas-subartikolu 579(1). Fi kliem iehor, jista' jkollok sitwazzjoni fejn l-imputat jew akkuzat li kien inghata l-helsien mill-arrest jinstab hati ta' ksur ta' kundizzjoni mposta mill-qorti u jinghata l-piena skond il-ligi, izda, minhabba li l-ksur tal-kundizzjoni ma tkunx ta' konsegwenza serja, ma jkunx hemm lok ghar-revoka tal-helsien mill-arrest. Kjarament il-legislatur qed jikkontempla bhala "piena" addizzjonali ghar-reat ta' ksur ta' kundizzjoni tal-qorti – u meta jittiehdu l-proceduri skond is-subartikoli (2) u (3) ta' l-Artikolu 579 – ir-revoka tal-helsien mill-arrest bil-konsegwenti arrest mill-gdid."*

Il-Qorti mhijiex qieghda tiddubita mill-insenjament tas-sentenza fuq imsemmija. Dana pero' l-kundizzjonijiet tal-liberta provizorji mhumiex moghtija ghalxejn u kollha jservu

[1] Deciza mill-Qorti KOstituzzjonali fil-15 ta paril 2008

ghall-ghan wiehed biex jassiguraw illi dak li jkun jidher il-Qorti kull meta jigi jitlub jaghmel dan. Peress illi l-appellant huwa akkuzat taht il-Ligi Kriminali jkun hemm il-htiega illi jigi notifikat bid-deferimenti tal-kawza u ghalhekk jigu mposti fuqu kundizzjonijiet ta' l-iffirmar biex il-pulizija ma jkolliex diffikulta tinnotifikah. L-appellant kiser wahda minn dawn il-kundizzjonijiet, jekk biddilx l-indirizz tieghu jew le l-Qorti ma tafx peress illi dan ma rrizultax imma rrizulta bhala fatt illi l-appellant ma ffirmax l-ghassa tal-Hamrun kif kien obligat jaghmel u ghal kwazi xahar shih minghajr lanqas ma ndenja ruhu jghidilhom fejn kien. Kien l-appellant stess li ghazel illi ma qaghadx ghall-obligazzjonijiet impost fuqu u quindi kien l-appellant illi kellu jara kif jimmitiga l-konsegwenzi ta' dan in-nuqqas tieghu

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' l-appellant u, filwaqt li qeda tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tar-reat kif previst fl-artikolu 579(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn ikkundannatu multa ta' mitejn euro (200) pero' qeghda tichad dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat r-revoka tal-helsien mill-arrest tal-appellant u fejn ordnat li s-somma moghtija fl-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta' Malta u dan in linea ma dak li intqal aktar' l fuq f'din l-istess sentenza.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur